MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2014

Numru. 218/2013

**Il-Pulizija**
**[Spettur Darren Buhagiar]**

**vs**

**Carlos Falzon**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Carlos Falzon detentur tal-karta tal-identita` numru 551386(M).

Akkuzat talli:
1. Fil-21 ta’ April 2010, f’xi hin bejn it-tmienja neqsin ghaxra ta’ fighodu u n-nofs siegha ta’ wara nofsinhar, fi Triq Dun Xand Cortis, Santa Venera, ikkommetta serq ta’ car stereo tal-marka JVC bin-numru tal-mudell KD-DV6102E minn go vettura tal-ghamla Fiat Punto ta’ lewn ahmar bin-numru tar-registrazzjoni JAE-195, liema serq

hu kkwalifikat bil-mezz, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur li huwa iktar minn mitejn tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) izda mhuwiex izjed minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) ghad-detriment ta’ Claudio Camilleri mill-Hamrun;

2. U talli sar recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti ipprezentati; inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kif dedotti kontrih u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista’ jirregola ruhu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 49, 50, 289 u 261 et seq tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u thoss illi ghalkemm hemm l-addebitu tar-recediva, piena karcerarja ma tkunx wahda idonea ghall-imputat u stante ammissjoni, qeghda ssib lill-imputat Carlos Falzon hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 qeghda tpoggih taht Probation order ghal zmien sentejn mil-lum.

Tordna wkoll illi l-imputat ihallas lill-parte civile s-somma ta’ erba’ mija u tlieta u sebghin Ewro (€473) fi zmien sitt xhur mil-lum.

Finalment, spjegat lill-imputat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u tordna li kopja tal-Probation Order annessa mal-odjerna sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation u Parole.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------